# QORTI ĊIVILI
**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 8/2024**

## Transmax Co. Limited

## v.

## Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi
## u
## Il-Kummissarju tal-Pulizija
## għal kull interess li jista' jkollu

**Daħla**

1. Il-kumpannija li bdiet dawn il-proċeduri, Transmax Co. Limited ("Transmax"), tgħid li hi s-sid ta' vettura, li titqies *trailer,* bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni TR2691 u bin-numru VIN: ZGPM3001FR002619 (il-"vettura").

2. Tgħid ukoll li l-vettura ġiet milquta nġustament minn ordni ta' qbid u ffriżar kontra numru ta' kumpanniji oħra.

3. Transmax ressqet ir-rikors li qiegħed quddiem il-qorti biex tieħu r-rimedju maħsub fl-artikolu 39 tal-Kap. 621, jiġifieri dikjarazzjoni li l-vettura hi tagħha u li m'għandhiex tibqa' soġġetta għall-ordni tal-qbid u ffriżar.

4. L-intimati ressqu risposta ġuramentata. Fiha qalu - fost affarijiet oħra - li l-proċeduri mibdija minn Transmax huma nulli billi r-rikors promotur mhux wieħed ġuramentat u, għalhekk, mhux konformi mal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 13, liema dispożizzjoni hi applikabbli għal dawn il-proċeduri fid-dawl tal-artikolu 31 tal-Kap. 621.

5. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda b'deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Marzu 2024, li minnha l-qorti ma ntalbitx li tagħti dritt t'appell f'dak l-istadju.

**Il-mertu**

6. Biex issostni l-każ tagħha li l-vettura hi tagħha, il-kumpannija rikorrenti tistrieħ fuq il-ġurament li ttieħed biex jiġi kkonfermat il-kontenut tar-rikors tagħha (u d-dokumenti hemm annessi); ġurament li, preżumibbilment, ittieħed minn rappreżentant tagħha (ara para 12 tar-rikors). Tistieħ ukoll fuq id-dokumenti msemmija f'para 8 tar-rikors u eżebiti bħala Dok TM2, TM3 u TM4.

7. Dawn il-provi ma ġewx kontestati mill-Uffiċċju.[1] L-istess Uffiċċju ma ressaq ebda provi min-naħa tiegħu; u ddikjara li ma kellux il-ħtieġa ta' ebda kontro-eżami. Lanqas ma ressaq xi argument li l-qorti m'għandhiex tistrieħ fuq il-provi mressqa minn Transmax.

8. Wara li rat id-dokumenti, qieset il-ġurament meħud u l-pożizzjoni tal-Uffiċċju, il-qorti hi soddisfatta li t-talba hi ġustifikata.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tordna, skont kif tista' tordna bis-saħħa tal-artikolu 39 tal-Kap. 621, li l-vettura, li preżentement tinstab maqbuda f'Ħal Far, b'mod speċifiku fil-*Custom*

[1] Li hu l-uniku intimat li għadu fil-kawża (ara verbal tas-6 ta' Diċembru 2024)

*Groupage Facility*, tiġi rilaxxata f'idejn Transmax u li m'għandhiex tibqa' soġġetta għall-ordni msemmija fl-ewwel paragrafu tar-rikors li bih tniedew dawn il-proċeduri.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur